MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-12 ta' Awwissu, 2010

Appell Kriminali Numru. 475/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mario Enriquez**

**Il-Qorti**:

**1.** Dan hu appell, interpost mill-Avukat Generali, minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-2 ta' Dicembru 2009, u li permezz taghha Mario Enriquez (illum appellat, bin il-mejjet Henry u Giovanna nee Borg, imwieled il-Pieta` fis-6 ta' Awwissu 1967, detentur tal-Karta tal-Identita` nru 328967M), wara li nstab hati ta' diversi reati u gie liberat minn ohrajn, tqieghed taht ordni ta' *probation* ghal tliet snin.

**2.** Il-kaz jirrisali ghall-5 ta' Frar 2006, meta l-appellat, ghall-habta tal-5.15 pm, kien fil-kazin tal-Partit Laburista f'Hal-Ghaxaq. Hemm huwa l-ewwel ikkonfronta ufficjal tal-pulizija li dahal biex jara ghala kien hemm hoss hekk qawwi ta' muzika, u ftit wara, ghal kumment li ghaddielu

certu Alfio Vassallo, l-imsemmi Enriquez (li kien ftit imlahlah) qabad tazza u tefaghha lejn Vassallo u hadu fuq mohhu b'mod li kkagunalu offiza li kienet tirrikjedi seba' punti. Hu baqa' jitfa' aktar tazzi sa ma gie fl-idejn ma' Vassallo u kellhom iferrquhom in-nies.

**3.** Fis-6 ta' Frar 2006, Mario Enriquez tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja akkuzat talli fil-gurnata ta' qabel (**i**) volontarjament ikkaguna offiza ta' natura gravi ful il-persuna ta' Alfio Vassallo minhabba li l-istess offiza "sejra ggib sfregju permanenti fil-wicc", (**ii**) attakka jew ghamel resistenza bi ksur tal-Artikolu 96 tal-Kap. 9 fil-konfront ta' P.C. 790 Raphael Mizzi, (**iii**) hedded bi kliem lill-imsemmi P.C. 790 bi ksur tal-Artikolu 95 tal-imsemmi Kap. 9, (**iv**) li insolenta bi kliem lil Alfio Vassallo, (**v**) li kiser il-bon-ordni u l-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat, dagha, storbju jew mod iehor, (**vi**) li qal kliem oxxen fil-pubbliku, u (**vii**) li huwa recidiv b'sentenza tal-Qorti Kriminali [recte: Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali] tat-12 ta' Dicembru 2002.

**4.** B'nota ta' rinviju ghall-gudizzju datata 21 ta' April 2006 (fol. 72) l-Avukat Generali baghat il-kaz lill-Qorti Inferjuri bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali biex, bil-kunsens tal-akkuzat, il-kaz jigi trattat sommarjament. Fl-udjenza tat-18 ta' Mejju 2006 (fol. 74-75) Mario Enriquez iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja.

**5.** Bis-sentenza tat-2 ta' Dicembru 2009 il-Qorti Inferjuri sabet lill-imsemmi Enriquez <u>hati</u> skond l-akkuzi (**i**), (**iv**), (**v**), (**vi**) u (**vii**), izda <u>lliberatu</u> mill-akkuzi (**ii**) u (**iii**), u, kif gja nghad, qieghditu taht il-harsien ta' ufficjal tal-*probation* skond l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 ghall-periodu ta' tliet snin mid-data ta' l-istess sentenza (ara kopja tal-ordni ta' *probation* a fol. 150-151 tal-atti).

**6.** L-Avukat Generali appella permezz ta' rikors datat 21 ta' Dicembru 2009. L-aggravju tieghu hu limitat ghall-piena. Hu jikkontendi, bazikament, li f'dan il-kaz kellu jkun hemm piena ta' prigunerija b'effett immedjat stante li hawn si tratta ta' vjolenza fizika. Skond l-appellant Avukat Generali l-ordni ta' *probation* ma jirriflettix il-gravita` tal-kaz. Huwa jirreferi ghall-fedina penali kulurita tal-appellat.

**7.** Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-atti kollha tal-kawza, inkluz ir-rapport (*pre-sentencing inquiry report*) tal-ufficjal tal-*probation* Mary Anne Zammit. Jidher li l-ewwel qorti, fil-konsiderazzjonijiet taghha, tat piz konsiderevoli lil dana r-rapport – li fil-fehma ta' din il-Qorti, cioe` tal-Qorti tal-Appell Kriminali, anqas biss messu gie kkummissjonat fl-ewwel lok tenut kont tal-antecedenti tal-akkuzat u tan-natura tar-reati li tieghu kien qieghed issa jigi ggudikat – u lill-mahfra ta' Alfio Vassallo (fol. 128). Mill-banda l-ohra, kif din il-Qorti (kemm kif presjeduta kif ukoll diversament presjeduta) ripetutament ittenni, reati ta' vjolenza ghandhom, bhala regola, jigu puniti b'piena karcerarja b'effett immedjat. F'dan il-kaz ghandna offiza gravi (mhux "gravissima", ghax ma hemmx provi li hawn si tratta ta' sfregju gravi u permanenti) kkagunata fil-wicc tal-vittma b'tazza, illi kieku laqtet lil Vassallo zewg pulzieri aktar l-isfel setghet anke taghmih! L-incident kien wiehed mhux provokat, li sehh f'post fejn persuni suppost jiltaqghu biex jiehdu pjacir bil-kumpanija ta' xulxin. L-appellat Enriquez ghandu xejn anqas minn disa' kundanni ohra; xi whud huma konnessi ma' sewqan – indikazzjoni ta' karattru menefregista – izda hemm ukoll kundanna (16-7-98) ta' sentejn prigunerija sospiza ghal erba' snin mill-Qorti Kriminali dwar sustanza esplossiva, kundanna (12-5-99) dwar li hebb ghal persuna u kkagunalha offizi ta' natura hafifa, u kundanna ohra – dik imsemmija fis-seba' imputazzjoni (cioe` dik tat-12 ta' Dicembru 2002) – dwar serq kwalifikat. U hija proprju din l-ahhar kundanna li l-ewwel qorti, fil-fehma ta' din il-Qorti, ma kkunsidratx bizzejjed. Infatti, skond din is-sentenza <u>tat-12 ta' Dicembru 2002</u>, il-Qorti Inferjuri, wara li sabet lil Enriquez hati, flok attivat is-sentenza sospiza precedentement moghtija fis-16 ta' Lulju 1998, b'applikazzjoni tal-Artikolu 28B(2) tal-Kap. 9, estendiet il-periodu operattiv <u>ghal erba' snin ohra mit-12 ta' Dicembru 2002</u>. Dan ifisser, allura, li bis-sejbien ta' htija ghal xi whud mir-reati kommessi fil-5 ta' Frar 2006, jigi li dawn ir-reat gew kommessi fil-periodu operattiv ta' sentenza sospiza. Flok ma l-Qorti Inferjuri hadet konjizzjoni ta' dana l-fatt tal-kommissjoni ta' reat fil-periodu operattiv ta' sentenza sospiza – kif ghandha obbligu li taghmel anke jekk ma jkunx hemm imputazzjoni specifika (ara l-Art. 28D tal-Kap. 9) – hija semplicement

ikkunsidrat is-sentenza tat-12 ta' Dicembru 2002 ghall-finijiet tar-recidiva. Huwa evidentement kontro-sens li, meta persuna tkun ikkommettiet reat fil-periodu operattiv ta' sentenza sospiza (u *per di piu`* meta dan il-periodu operattiv kien gja gie estiz skond l-Artikolu 28B(2)), flok ma tipprovdi dwar dik is-sentenza sospiza tghaddi biex taghmel ordni ta' *probation*. L-aggravju tal-Avukat Generali, ghalhekk, li f'dan il-kaz ma kienx hemm lok ta' tali ordni, huwa ben fondat, u ser jigi akkolt.

**8.** Ir-reat ta' offiza gravi skond l-Artikolu 216 huwa punibbli bi prigunerija minn tliet xhur sa tliet snin. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u b'mod partikolari tal-mahfra tal-vittma, din il-Qorti hi tal-fehma li l-piena ghandha tkun dik ta' hames xhur prigunerija. Ovvjament tibqa' impregudikata l-kwistjoni tal-kommissjoni tar-reat fil-periodu operattiv ta' sentenza sospiza skond l-Artikoli 28B, 28C u 28D – f'dan il-kaz din il-Qorti ser thalli lill-Avukat Generali jipprocedi ghas-semplici raguni li l-Imhallef sedenti llum mhux ser ikun possibbli ghalih minn hawn u ftit gimghat ohra li jkompli jiehu konjizzjoni ta' dawn il-kawzi.

**9.** Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali u tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ordnat li l-imputat, illum appellat, jitqieghed taht il-harsien ta' ufficjal ta' *probation* skond l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 ghal perjodu ta' tliet snin (u konsegwentement thassar ukoll l-ordni ta' *probation* a fol. 150 tal-atti) u minflok tikkundanna lil Mario Enriquez ghall-piena ta' hames (5) xhur prigunerija; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi minnufih notifikata lid-Direttur inkarigat mill-Ufficcju tal-*Probation Services*; u tordna wkoll li kopja ohra tigi notifikata lill-Avukat Generali ghall-finijiet tal-procedura indikata fl-Artikolu 28D tal-Kap. 9 u fil-paragrafu **8**, *supra*.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------